MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Numru 1293/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs.**

**1. Fusain Dansakou**
**2. Amadou Balde**
**3. Shangare Modibo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' (1) **Fusain Dansakou**, iben Bala, ta' sebgha u ghoxrin sena (27), imwieled il-Mali fl-1 ta' Jannar 1982 ta' nazzjonalita' Mali u residenti Hal-Far open centre bin-numru tal-pulizija 07F-20, bla dokumenti, ta' **(2) Amadou Balde** iben Bakri, ta' ta' sebgha u ghoxrin sena (27), imwieled Guinea fis-6 ta' Novembru 1982 ta' nazzjonalita' Guinea u residenti Hal-Far open centre bin-numru tal-pulizija 07KKK-005, bla

dokumenti, u ta’ **(3) Shangare Modibo** iben Damusarane illum mejjet ta’ tlieta u ghoxrin sena (23) imwieled il-Mali fl-10 ta’ Jannar 1986 ta’ nazzjonalita’ Mali u residenti Hal-Far open centre bin-numru tal-pulizija 07LLL-13, minghajr dokumenti.

Wara li rat l-akkuzi fil-konfront taghhom talli fid-19 ta’ Mejju 2009, u fix-xhur ta’ wara kif ukoll ta’ qabel, f’dawn il-gezejjer ghamlu delitt billi attentaw jimbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhrilu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta’ Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll tal-Artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Wara li semghet lil kull wiehed mit-tlett imputati jammettu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzat bl-iktar mod solenni lil kull wiehed mit-tlett imputati bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u kkonceditilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkunsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ kull wiehed mit-tlett imputati ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssib lil kull wiehed mit-tlett imputati hati ta’ l-akkuzi midjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li kull wiehed mit-tlett imputati kkoopera mal-Prosekuzzjoni sa’ mill-bidunett ta’ l-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija ta’ kull wiehed mit-tlett imputati, u ghalkemm ma gietx ipprezentata fedina penali tat-tlett imputati din ghandha tittiehed bhala wahda netta;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib:

1. Lil Fusain Dansakou hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u billi fil-kaz prezenti jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-imsemmi Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-istess Fusain Dansakou bil-kondizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum;

2. Lil Amadou Baide hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u billi fil-kaz prezenti jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-imsemmi Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-istess Amadou Baide bil-kondizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum; u

3. Lil Shangare Modibo hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u billi fil-kaz prezenti jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-imsemmi Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-istess Shangare Modibo bil-kondizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat bi kliem cari u semplici lil kull wiehed mit-tlett imputati li jekk jaghmlu reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A u 401(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------